MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Numru. 255/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Pulis**

**vs**

**Manwel Fenech**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Manwel Fenech bin Joseph u Maria Lourdes nee' Muscat, imwieled Qrendi fl-1 ta' Jannar 1954 u residenti 21A, Triq l-Imqabba, Qrendi u detentur tal-karta tal-identita' numru 43054M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-24 ta' Novembru 2011 ghall-habta ta' 6.10hrs fir-residenza 21A, Triq l-Imqabba, Qrendi;

1. Hebb kontra l-persuna ta' martu Emmanuela Fenech sabiex jingurjaha, idejjaqha jew sabiex jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

2. Hebb ghal martu Emmanuela Fenech u ikkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikata minn Dr. Raymond Sacco MD taz-Zurrieq;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil persuna ta' martu Emmanuela Fenech biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artiklu 222(1) tal-kodici kriminali.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni skond l-artiklu 412C Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' Emmanuela Fenech.

Rat li fis-seduta ta' llum l-imputat bla pregudizzju ghall-akkuza obbliga ruhu li mhux sejjer b'ebda mod jimmolesta lill-parte civile Emmanuela Fenech.

Rat li in vista ta' din l-obbligazzjoni, il-parte civile Emmanuela Fenech rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Stante r-rinunzja da parti tal-parte civile Emmanuela Fenech, il-Qorti tiddikjara l-proceddiment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------